MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 799/2014

**Galea Insurance Brokers Limited [C-12858]**

**Vs**

**Joseph SAMMUT [ID 136968M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-16 ta' Dicembru, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mija u zewg euro u tnejn u disghin centezmi ta' euro [€1,102.92c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Qieghda tintalab is-somma ta' elf, mija u zewg euro u tnejn u disghin centezmu (€1102.92) (Dok. A) rapprezentanti l-prezz ta' polza ta' assigurazzjoni industrijali u ta' licenzja fuq vettura, imhallsin mill-attrici ghan-nom tal-konvenut u ta' servizzi relattivi rezi mill-istess attrici lill-konvenut, fuq rikjesta tal-istess konvenut.

> Din is-somma baqghet ma thallsitx minkejja li l-intimat gie interpellat jaghmel dan anke permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2013 [numru 2976/2013 – Qorti tal-Magistrati (Malta)] u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.
>
> Flimkien ma' din is-somma, l-intimat ghandu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez legali kollha, inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali (Dok. B) fuq imsemmija u l-imghax legali mill-1 ta' Dicembru 2011 sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, u l-intimat qed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Corrine Galea li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Jimmy Vella ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' elf mija u zewg euro u tnejn u disghin centezmi ta' euro [€1,102.92c] rapprezentanti l-prezz ta' polza ta' assigurazzjoni industrijali u ta' licenzja fuq vettura, imhallsin mis-socjeta rikorrenti ghan-nom tal-intimat u ta' servizzi relattivi rezi mill-istess socjeta rikorrenti lill-intimat, fuq rikjesta tal-istess intimat.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

> (b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mija u zewg euro u tnejn u disghin centezmi ta' euro [€1,102.92c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mill-11 ta' Dicembru, 2013 data tal-prezentata tal-ittra ufficjali (numru 2976/13), sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2976/13, huma a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------